SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 17-20**

**20 ta' Awissu 2020**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato - Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Terrence Ellul - Kunsillier
Liam Sciberras - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**17.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

**17.1.1 *E-mail tal-Kunsillier Ellul***

Is-Sindku qrat l-*e-mail* ta' appoloġija tal-Kunsillier Ellul u qalet li l-Kunsillier Ellul jinsab fi kwarantina. Kopja tal-*e-mail* u n-notifika maħruġa mis-Superintedence of Public Health qed jiġu annessi ma' dawn il-minuti.

**17.1.2 *E-mail tal-Kunsillier Sciberras***

Is-Sindku qrat *e-mail* ta' appoloġija tal-Kunsillier Sciberras li nforma l-Kunsill li ma kienx ser jattendi għall-laqgħa. Kopja tal-*e-mail* tas-Sur Sciberras qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. Fuq it-talba tas-Sur Sciberras li jiġi eżentat fuq raġunijiet ta' saħħa minħabba s-sitwazzjoni preżenti nazzjonali, s-Sindku qalet li huwa obbligatorju li l-laqgħa tal-Kunsill issir fl-uffiċċju tal-Kunsill u min ma jattendiex jitqies bħala assenti.

Il-Viċi Sindku qal li għalkemm huwa persuna vulnerabbli huwa attenda għall-laqgħa iżda xtaq jgħid li jħoss li min ma jridx jattendi fuq raġunijiet ta' saħħa m'għandux jitqies bħala assenti.

**17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 16-20**

**17.2.1 *Korrezzjoni***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 16.2.2 u qal li x-xogħol ta' tindif madwar il-Klabb tal-Boċċi ser isir minn Cleansing Malta u mhux mill-Awtorita' tat-Turiżmu. Il-Kunsill qabel li ssir emenda f'dan ir-rigward.

**17.2.2 *Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-minuti tal-laqgħa numru 16-20 ġew approvati kif emendati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John issekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar.

**17.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**17.3.1** ***Approvazzjoni għal xiri ta' sistema ġdida tat-telephone***

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet tlett kwotazzjonijiet għal xiri u nstallazjoni ta' sistema tat-*telephone* ġdida. Wara li evalwa d-dettalji ta' dawn it-tlett kwotazzjonijiet il-Kunsill qabel li l-aħjar offerta kienet dik tal-kumpanija Go plc li jipprovdu wkoll is-servizz tal-linji tat-*telephone*.

**17.3.2** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM17-20 għall-perjodu bejn l-24 ta' Lulju 2020 sal-13 ta' Awissu 2020 u minn cheque numru BOV 8206 sa cheque numru BOV 8241.

**17.3.3** ***Approvazzjoni għal Expense Claim***

Il-Kunsill approva *Expense Claim* ta' waħda mill-uffiċjali tal-Kunsill għal spiża marbuta ma' transport fuq xogħol tal-Kunsill liema *claim* jammonta għal €15.36.

**17.4.** ***Rapport Finanzjarju għal perjodu 01-01-2020 sat-30-06-2020***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-*Accountant* ma setgħetx tkun preżenti għall-laqgħa u bagħtet il-kummenti tagħha biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti dan ir-rapport. Is-Sindku qrat il-kummenti tal-*accountant* li kienu jindikaw li dan ir-rapport qed juri *deficit* ta' €7958.00 wara *depreciation charge* ta' €40,892.00 għall-ewwel sitt xhur tas-sena. Hija qalet li għaldaqstant il-*cash surplus* jammonta għall-€32,934.00. Is-Sindku qalet ukoll li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija tajba b'*financial indicator* ta' 57%. Hija infurmat ukoll li l-ispejjeż fuq kuntratti u amministrazzjoni baqgħu kostanti f'dan il-perjodu.

Dan ir-rapport finanzjarju ġie approvat fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John issekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar.

**17.5 Kommunikazzjonijiet**

**17.5.1 *Skema CCTV – Reġjun Nofsinhar***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li r-Reġjun Nofsinhar qed joħroġ skema ta' għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu għal spejjeż relatati ma' xiri u nstallazjoni ta' CCTV Cameras.

**17.5.2 *Kwotazzjonijiet għall-xogħolijiet mill-Kuntrattur tal-Kunsill***

Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill tlett kwotazzjonijiet tal-Kuntrattur Karmig. Hija qalet lix-xogħol relatat ma' waħda mill-kwotazzjonijiet li tikkonċerna Triq Fuxa/Triq iċ-Ċinenarja diġa sar mill-ħaddiema assenjati mill-Kunsill. Rigward kwotazzjoni li tikkonċerna xogħolijiet fi Triq Maria De Domenicis ġie innutat li dan ix-xogħol huwa inkluż fil-proġett li l-Awtorita' tad-Djar ser twettaq f'din l-*area*.

**17.5.3 *Sistema tal-eapps tal-Awtorita' tal-Ippjanar***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser tkun ir-rappreżentant tal-Kunsill fuq l-eapps tal-Awtorita tal-Ippjanar.

**17.5.4 *Premju Anzjanita' Attiva***

Is-Sindku irreferit għall-Premju Anzjanita'Attiva u għall-applikazzjoni li tagħlaq fit-30 ta' Settembru 2020. Saret diskussjoni u ġie nutat li għal dan il-premju hemm disa' kategoriji differenti. Ġie deċiż li kull min jixtieq jinnomina lil xi persuna jew persuni għandu jindika taħt liema kateġorija ser issir in-nomina u għandu jimla' l-applikazzjoni fejn wieħed jindika il-ħidmiet u l-kwalitajiet tal-persuna innominata. F'każ li din in-nomina ser issir f'isem il-Kunsill Lokali dawn id-detallji għandhom jaslu għand il-Kunsill għall-approvazzjoni sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**17.5.5 *Talba għal użu ta' Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku nfurmat li Kunsill irċieva talba minn individwu li xtaq ikun jaf hux possibli li juża parti mill-Ġnien is-Serenita' biex jipprattika d-dixxiplina ta' *sword techniques*. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li peress li l-Ġnien is-Serenita' huwa post pubbliku, mhuwiex il-post idejali li fih issir prattika ta' din id-dixxiplina.

**17.5.6** ***Applikazzjoni online fuq ilmenti***

Is-Sindku tkellmet dwar applikazzjoni *online* fuq ilmenti mir-residenti liema applikazzjoni qed tiġi proposta mill-*contract manager* tal-Kunsill. Saret diskussjoni u l-Viċi Sindku qal li l-Kunsill diġa għandu applikazzjoni simili fuq il-*website* tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-*upgrade* li ser issir fuq il-*website* tal-Kunsill, din l-applikazzjoni ser issir aktar *user friendly*. Is-Sindku qalet li ser tkun qed titkellem mal-kuntrattur li qed jieħu ħsieb il-*website* f'dan ir-rigward.

**17.5.7** ***Ilment dwar parking bays fi Triq Maria DeDomenicis***

Il-Kunsill reġa iddiskuta l-ilment li qed jagħmel resident dwar id-daqs tal-*parking bay* fit-triq tiegħu fejn dan qed jgħid li l-karrozza tiegħu ma toqgħodx fil-*parking bay* minħabba li hi twila. Saret diskussjoni u s-Sindku qalet li biex titwal il-*parking bay* kif propost trid tnaqqas *parking bay* mit-triq. Il-Viċi Sindku qal li hu kien iċċekja u ġie nfurmat li jekk wieħed ikollu karrozza twila jista jieħu parti minn *parking bay* oħra mingħajr ma jikser il-liġi. Ġie innutat li f'dan il-każ xorta qed tonqos parking bay. Ġie propost li jekk tonqos *parking bay* tista' issir waħda iżgħar għall-muturi flokha. Is-Sindku qalet li ser terġa tmur tara fuq il-post.

**17.5.8** ***Xogħol fil-Kommunita'***

Is-Sindku irreferit għall-ħaddiem li għamel perjodu jaħdem mal-Kunsill ta' Santa Luċija taħt l-iskema Ħaddiema fil-Kommunita meta dan kien għadu residenti fil-faċilita' RISE. Hija qalet li dan il-ħaddiem kien wettaq ħafna xogħol utili li jirrikjedi ċerti abilitajiet għall-Kunsill u l-lokalita' f'dan il-perjodu.

Is-Sindku qalet li dan il-ħaddiem li bħalissa qiegħed fil-faċilita' korrettiva ta' Kordin jista ikompli jagħmel xogħol fil-kommunita' ta' Santa Luċija bi ftehim mal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Hija ipproponiet li dan il-ħaddiem jagħmel xogħol ta' tibjid u tindif mal-Kunsill għal perjodu ta' sitt xhur li għalih il-Kunsill iħallas tlett mitt ewro fix-xahar. Is-Sindku qalet li tkellmet mad-Direttur tad-DLG li ma sab l-ebda oġġezjoni għal din il-proposta. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din il-proposta.

**17.5.9** ***Sistema ta' Irrigazzjoni***

Is-Sindku irreferit għall-iskema SPI/07 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal sistemi ta' Irrigazzjoni. Hija qalet li kellmet Engineer li lest jagħmel l-ispecifikazzjonijiet biex issir sejħa pubblika għal dan il-proġett.

**17.5.10** ***Talba għall-reimborz***

Is-Sindku irreferit għal *reception* żgħira ta' tieġ ta' koppja minn Sqallija li jgħixu Malta li ħallsu għal permess biex dan l-avveniment isir fi Gnien is-Serenita'. Hija qalet li minħabba restrizzjonijiet ta' kwarantina imposti mill-awtoritajiet Sqallin, il-familjari ta' din il-koppja mhux ser ikunu jistgħu jattendu għaldaqstant dan ir-riċeviment kellu jitħassar. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni biex din il-koppja tingħata lura l-flus li ħallset għall-użu tal-ġnien biex fih isir dan ir-riċeviment. Is-Sindku qalet li ċ-ċerimonja tat-tieġ li għaliha sar il-ħlas ser issir xorta waħda fil-ġnien.

**17.5.11** ***Notifikazjoni ta' Rapport ta' Rikonsiderazzjoni***

Is-Sindku irreferit għall-applikazzjoni bir-referenza PA/0283020 biex isir żvilupp fil-bini tal-Berġa u jinbena sular fuq il-binja eżistenti. Hija qalet li fil-11 ta' Settembru 2020 il-Planning Commission ser tkun qed tiddiskuti l-applikazzjoni tal-Kunsill biex jitnaqqas l-ammont tal-Planning Gain fuq il-bażi li din il-binja tintuża biss fi ġranet u ħinijiet stabbiliti u mhux il-ħin kollu.

**17.5.12** ***Inizjattiva Aġenzija Sapport***

Is-Sindku irreferit għall-korrispondenza tal-Aġenzija Sapport dwar koperazjoni mal-Kunsill fir-rigward ta' persuni b'diżabilita'. Is-Sindku qalet li din l-inizjattiva ser taħdem fuqha il-Kunsilliera Kylie D'Amato.

**17.5.13** ***Tindif tal-vaska l-kbira fi Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku talbet lill-Viċi Sindku jitkellem dwar ix-xogħol involut biex titnaddaf il-vaska l-kbira fi Ġnien is-Serenita'. Il-Viċi Sindku qal li kien iltaqa' mal-ħaddiema tal-MSD fuq dan il-proġett u ġie deċiż li minħabba t-temperatura tal-ilma ikun aħjar jekk dan il-proġett isir f'Ottubru. Huwa qal li l-Kunsill issa ser ikollu aktar ċans biex jorganizza fejn ser jagħmel il-ħut sakemm isir ix-xogħol. Huwa qal li hemm bżonn li ssir pompa oħra fil-

vaska u ġie rakkomandat li magħha jiġi installat apparat li jħallat l-ilma ma' l-arja mill-ewwel.

**17.5.14** ***Proposta ta' koperazzjoni bejn ic-Ċentru Kulturali Ċiniż u l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija***

Is-Sindku qalet li kellha laqgħa ma' rappreżentanti taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż fejn ġew diskussi diversi attivitajiet kulturali li jistgu jsiru b'kollaborazzoni bejn iż-żewġ partijiet. Hija qalet li l-Kunsill għandu jirċievi proposta f'dan ir-rigward.

**17.5.15** ***Proġett taċ-Ċentru Ċiviku u d-Development Planning Fund***

Is-Sindku irreferit għall-e-mail li ntbagħtet lill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar jekk il-Kunsill huwiex intitolat għal fondi taħt id-Development Planning Fund minħabba li ttieħed biċċa art mill-Jogging Track għal proġett tal-Mini fi Triq tal-Barrani. Hija qalet li l-Kunsill intalab jgħid fuq liema proġett ser ikun qed juża dawn il-fondi. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandu jutilizza dawn il-fondi għal proġett taċ-Ċentru Ċiviku li għandu *zero emissions* u *in-line* ma' proġetti li jistgħu jsiru taħt dan il-fond.

**17.5.16** ***Talba għall-akkumulazzjoni ta' Vacational Leave***

Is-Sindku qalet lis-Segretarju Eżekuttiv qed tressaq talba biex tkun tista tħalli sa massimu ta' 50% tal-*vacational leave* għas-sena 2021 peress li ser tkun qed tirtira mix-xogħol bl-eta tal-pensjoni. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din it-talba.

**17.5.17** ***Servizz ta' Tisqija***

Is-Sindku irreferit għall-kwotazzjonijiet li kien ġabar il-Kunsill għal servizz ta' tisqija fix-xhur tas-Sajf. Hija qalet meta iltaqgħet mal-Kuntrattur li tefa' l-orħos offerta, dik ta' €100+Vat, huwa nfurmaha li l-Kunsill irid iħallas dan l-ammont għal kull-*bowser* tal-ilma li juża biex isaqqi l-*green areas* ta' Santa Luċija kollha. Għadaqstant il-Kunsill qabel li jmur għat-tieni l-orħos offerta dik ta' €139.00 (Vat inkluż) kull darba li jsaqqi.

**17.5.18** ***Xiri ta' kotba għall-librerija***

Is-Sindku ressqet talba tal-librara biex tixtri numru ta' kotba għall-librerija fosthom numru ta' rumanzi bil-Malti. Hija qalet li l-istima tammonta għas-

somma ta' madwar €500.00. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u approva din il-proposta.

**17.5.19 *Ilment***

Is-Sindku qalet li l-Kunsill irċieva ilment li meta riċentament saru r-*road markings* fi Triq Znuber sar *parking bay* minflok id-*double yellow line* li kien hemm qabel bil-konsegwenza li din ir-residenta li ma tkunx tista' toħroġ il-karozza mill-*garage*. Is-Sindku qalet li marret fuq il-post u jidher li jekk jitwal il-*yellow line* tissolva l-problema.

**17.6 Premises tal-Librerija Pubblika f'Santa Luċija**

Is-Sindku qalet li wara li l-Kunsill ġie nfurmat li l-*premises* tal-librerija jinsabu għal bejgħ, hija talbet stima tal-perit għax-xiri ta' dawn il-*premises* biex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar biex jiddeċiedi. Hija qalet ukoll li kienet tkellmet mal-bank f'każ li l-Kunsill ikun irid jieħu *bank loan*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex il-Kunsill jissellef irid l-approvazzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Saret diskussjoni u l-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx li l-Kunsill jixtri propjeta mingħand ħaddieħor. Huwa qal li l-Kunsill għandu jinvesti f'gazibo kbir li jitqiegħed fil-Picnic Area u li jservi ta' librerija b'mod temporarju. Ġie innutat li jkun hemm bżonn ta' applikazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar u jrid joħroġ *tender* fuq din l-akkwist. Ġie deċiż li l-Kunsill jiddeċiedi wara li jinġabru l-istimi. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Kunsill jikteb bl-avukat lis-sid tal-*premises* biex il-Kunsill jibqa jħallas il-kera sakemm isir konvenju ta' bejgħ ta' dan il-fond.

**17.7 SLLC PKG(57-20-03) Tindif u Żamma ta' Parks, Ġonna, u Soft Areas fil-Lokalita' ta' Santa Luċija – rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-evalwaturi lestew l-evalwazzjoni u qed jitħejja rapport tal-evalwazzjoni.

**17.8 Rapporti**

Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati dawn ir-rapporti:

- Rapport ta' kull xahar maħruġ mill-Contract Manager tal-Kunsill li jinkludi rapport għax-xahar ta' Lulju 2020, Workplan għax xahar ta' Awissu 2020 kif ukoll rendikont tal-ħidma marbuta ma' dan is-servizz għax-xahar ta' Lulju 2020

- SLLC Memo 24-2020 – Ħruq tan-Nar fl-Okkazzjoni tal-Festa tal-Madonna tad-Dutrina

**17.9** ***Mistoqsijiet mill-Kunsilliera li rċieva l-Kunsill permezz ta' e-mails***

**17.9.1** **Mistoqsija mill-Kunsilliera Kylie D'Amato rigward xogħolijiet fi Triq Maria de Domenicis u tweġiba tas-Sindku**

Il-Kunsillliera D'Amato staqsiet għala fi Triq Maria De Domenicis fejn il-garaxxijiet sar xogħol bis-siment u partijiet oħra baqgħu fi stat ħażin.

Is-Sindku qalet li dak ix-xogħol sar mill-ħaddiema assenjati mill-Kunsill u ser ikunu qed ikomplu l-biċċa l-oħra.

**17.9.2** **Mistoqsija mill-Kunsillier rigward laqgħat tal-Kunsill on-line u apparat tekniku lill-membri tal-Kunsill u tweġiba tas-Sindku.**

Il-Kunsillier Sciberras kiteb dwar laqgħat tal-Kunsill li fiċ-ċirkustanzi tal-pajjiż isiru mid-dar u jekk il-Kunsill imur għalhekk, il-membri tal-Kunsill għandhom ikollhom apparat tekniku sabiex ikunu jistgħu jikkommunikaw b'mod aktar effiċjenti.

Is-Sindku wieġbet li hi infurmata li l-liġi tal-Kunsilli Lokali ma tippermettix li l-laqgħat tal-Kunsill Lokali jsiru *online*. Rigward l-apparat tekniku hija qalet li qiegħda f'kuntatt mal-AKL u mad-DLG f'dan ir-rigward.

**17.10** ***Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss***

**17.10.1** Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru 2020 fil-5.00p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |